# Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika
# L-Ilħna Ewlenin ta' l-2004

Drittijiet fundamentali & anti-diskriminazzjoni



Impjiegi & affarijiet soċjali

Kummissjoni Ewropea

"Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika: Ilħna Ewlenin 2004" huwa ppubblikat taħt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni 2001 - 2006, Kummissjoni Ewropea DĠ Impjieg u Affarijiet Soċjali. Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea- Direttorat Ġenerali għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali. La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas ebda persuna li taġixxi f'isimha m'hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mit-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni.

Għal aktar tagħrif dar il-Programm ta' Azzjoni u d-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, bżonnijiet speċjali, età u orjentazzjoni sesswali żur is-sit ta' l-Internet:

*http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm*

Ringrazzjamenti:

© Ritratti, il-Kummissjoni Ewropea.
© Ritratti paġna 17, UK Employers' Forum on Disability
© Ritratt paġna 12, CMI/Digital Vision
© Ritratti paġni 5 u 14, ERRC
© Ritratt paġna 24, Jess Hurd report digital.co.uk

Il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja tixtieq trodd ħajr lill-kontributuri editorjali għall-kummenti siewja tagħhom dwar ir-realtajiet, il-kisbiet u l-isfidi mistħarrġa f'dawn il-paġni. Fosthom, Timo Makkonen, Barbara Cohen, Zoltán Lékó, Roger Dennisson, Maria Miguel-Sierra, Marcel Zwamborn, Dimitrina Petrova, Susan Scott-Parker, Sinead Tiernan, Markus Gaier, Joy Oyesanya.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas:**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu.int).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2004

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2004
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

# Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika L-Ilħna Ewlenin ta' l-2004

## Il-fatturi kritiċi u l-protagonisti għall-infurzar tad-Direttivi kontra d-diskriminazzjoni

### Daħla

Il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li huma ffinanzjati mill-Programm ta' Azzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni (2001 – 2006) hija rifflessjoni tal-gruppi diversi li diġà ġew, jew li ser jiġu affettwati mir-regoli ġodda kontra d-diskriminazzjoni ġewwa l-UE. Mit-tnissil tiegħu, kien hemm firxa ferm wiesgħa ta' sforzi sabiex tiżdied il-ġustizzja u l-ekwità fi sfondi legali u kulturali ferm differenti għall-ħames forom ta' diskriminazzjoni koperti mid-Direttivi ta' Ugwaljanza bejn ir-Razzez u Ugwaljanza fl-Impjieg.

L-inizzjattivi ffinanzjati mill-Programm ta' Azzjoni għamlu sforzi impressjonanti u kreattivi fuq bażi kontinwa sabiex jintlaħaq l-għan ewlieni li jippromwovu Ewropa ħielsa mid-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, il-parteċipanti tal-Programm mill-25 Stat ta' l-UE kienu entużjastiċi biex jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin kif ukoll minn inizzjattivi leġislattivi oħrajn bħal-leġislazzjoni preċedenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-fuljett tematiku ta' l-2004 "Drittijiet Ugwali fil-Prattika: Ilħna Ewlenin – 2004" qed jiġi ppubblikat hekk kif nidħlu f'fażi ġdida ta' l-istorja Ewropea, b'10 Stati Membri ġodda sa mill-1 ta' Mejju 2004. Dan għandu l-għan li jagħti leħen lid-diversi parteċipanti fil-Programm ta' Azzjoni; kemm jekk ikunu uffiċjali nazzjonali, esperti jew rappreżentanti ta' Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGO's). Billi t-termini ta' skadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttivi issa għaddew, l-isfida li għandna quddiemna hija dik li nagħmlu ċert li n-nies igawdu minn livell komuni ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, tkun xi tkun ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-bżonnijiet speċjali, l-età u l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.

Għaldaqstant aħna għażilna li din is-sena niffukaw fuq il-fatturi kritiċi u l-protagonisti fl-infurzar tad-Direttivi kontra d-diskriminazzjoni li joħorġu mill-Artikolu 13 tat-Trattat ta' Amsterdam dwar ir-"Razza" u "t-Trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol".

Din il-ġabra ta' opinjonijiet indipendenti, li tgħaqqad il-fehmiet tal-partijiet konċernati li jinkludu l-Awtoritajiet Nazzjonali, l-NGOs, il-korpi speċjalizzati u l-esperti f'dan il-qasam, tipprovdi xhieda ħajja tal-proċessi li qed imexxu lil-leġislaturi u lil dawk li jfasslu l-politika mill-karta għall-prattika; mill-leġislazzjoni bil-miktub, sar-realtajiet ta' kuljum u l-attitudnijiet u l-prattiċi li qed jinbidlu fis-soċjetajiet Ewropej kollha.

# Werrej

**Mill-Karta għall-Prattika**

**L-infurzar tad-Direttivi kontra d-diskriminazzjoni** 3

**Taqsima I**

**Kollaborazzjoni u Konsultazzjoni** 6

**Taqsima II**

**L-involviment u l-Immobilizzar tal-Protagonisti** 10

**2.1. Bidla fis-sehem ta' l-assoċjazzjonijiet** 10

Korpi speċjalizzati ta' l-ugwaljanza u d-Direttiva dwar ir-Razez 12

Il-Perspettiva ta' Assoċjazzjoni: Ħarsien tad-Drittijiet tar-Roma 14

**2.2. L-involviment ta' l-Imsieħba Soċjali** 17

Dawk li jħaddmu: sħab ewlenin sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol 17

Il-moviment tat-*Trade Unions* jidħol fl-istampa 19

"Favur id-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni": Kampannja pan-Ewropea b'identità nazzjonali 20

**2.3. Għaqda bejn il-partijiet konċernati – Is-sehem ta' l-awtoritajiet pubbliċi** 22

L-awtoritajiet pubbliċi jmexxu l-progress lejn l-ugwaljanza: Id-Dmir tar-RU li tiġi promossa l-ugwaljanza u l-Att dwar ir-Relazzjonijiet bejn ir-Razez 23

# Mill-Karta għall-Prattika – L-infurzar tad-Direttivi kontra d-diskriminazzjoni




**Il-leġislazzjoni weħidha ma tbiddilx l-attitudnijiet tas-soċjetà b'għeruq fondi. L-isfida ewlenija li għandna quddiemna hija li l-leġislazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni ssir realtà għall-partijiet konċernati kollha.**

F'dak li għandu x'jaqsam mad-diskriminazzjoni, l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea jaqsmu esperjenzi simili minn tlett aspetti. Fl-ewwel lok, kollha għandhom storja ta' teħid ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati inkludew dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fil-kostituzzjonijiet tagħhom u spiss f'partijiet oħra tal-leġislazzjoni tagħhom ukoll. Oħrajn saħħu l-azzjoni leġislattiva b'miżuri politiċi diversi.

Fit-tieni lok, il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, jekk mhux kollha, jaqsmu l-esperjenza li l-miżuri meħuda mhux dejjem deheru li huma suffiċjenti u effettivi biżżejjed. Dan jidher mill-fatt li minkejja evidenza lampanti ta' l-eżistenza ta' diskriminazzjoni, il-vittmi tad-diskriminazzjoni rarament iressqu l-każijiet tagħhom quddiem il-qrati. Dan jimplika li hemm sfidi fl-infurzar tal-liġi u, b'mod aktar preċiż, jeżistu diversi ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja mill-vittmi. Fil-fatt, ir-riċerka f'dan il-qasam tindika li l-vittmi tad-diskriminazzjoni spiss ma jieħdux azzjoni għaliex jibżgħu li huwa kważi impossibbli li jippruvaw il-każ tagħhom, jew inkella ma jemmnux li r-riżultat finali ser ikun wieħed sodisfaċenti. Ħafna minnhom ma jafu kważi xejn dwar id-drittijiet tagħhom, jew għandhom bżonn pariri u appoġġ.

Iżda l-UE-25 għandhom fattur terz in komuni. Dan hu li lkoll għandhom rieda mġedda għal ħidma kontra d-diskriminazzjoni. Dan l-istat ta' fatt huwa dovut l-aktar għall-adozzjoni riċenti ta' inizzjativi politiċi u leġislattivi fuq livell Komunitarju. Fis-sena 2000, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adottat il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Kontra d-Diskriminazzjoni flimkien ma' żewġ Direttivi dwar it-trattament ugwali, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u fuq ix-xogħol (Direttiva ta' l-Ugwaljanza fl-Impjieg) u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mir-razza jew oriġini etnika tagħhom (Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez).

## L-allinjament tal-leġislazzjoni nazzjonali mad-Direttivi ta' l-UE

Iż-żewġ Direttivi hawn fuq imsemmija jinkludu definizzjoni dettaljata u inklużiva tad-diskriminazzjoni, li hija indispensabbli għat-tħaddim tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni. Iż-żewġ Direttivi jinkludu wkoll dispożizzjonijiet li jressqu l-oneru tal-prova f'każijiet ta' diskriminazz-

joni u jipprevedu sehem għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi fit-teħid ta' azzjoni f'isem, jew għall-appoġġ tal-vittma. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez tagħti struzzjonijiet lill-Istati Membri, meta dawn ikunu għadhom m'għamlux hekk, li jistabbilixxu korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali. Dawn id-dispożizzjonijiet ineħħu ħafna mill-ostakli li l-vittmi tad-diskriminazzjoni kienu jiffaċċaw qabel, b'hekk illi jħaddnu il-prinċipju ta' l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja.

Id-Direttivi u l-Programm ta' Azzjoni relatat għaldaqstant fetħu tieqa ġdida ta' opportunità sabiex l-aġenda ta' kontra d-diskriminazzjoni tittieħed 'il quddiem fuq il-livell nazzjonali wkoll. Id-Direttivi jpoġġu responsabbiltà fuq l-Istati membri kollha sabiex jiżguraw li l-leġislazzjoni domestika tagħhom tkun konformi maż-żewġ Direttivi. Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tkun konformi mad-Direttivi sa Lulju ta' l-2003 fir-rigward tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg. Għall-Istati Membri ġodda d-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni kienet Mejju ta' l-2004. Xi wħud mill-Istati Membri talbu għal aktar żmien sabiex jimplimentaw d-dispożizzjonijiet dwar id-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' età u bżonnijiet speċjali.

## L-Akbar Sfida: L-Implimentazzjoni tal-Liġi Nazzjonali mill-Karta għall-Prattika

Issa li l-implimentazzjoni tad-Direttivi fil-liġi nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni ġiet imwettqa fil-biċċa l-kbira tagħha, qegħdin niffaċjaw l-isfida ugwalment importanti u impenjattiva li "nimplimentaw" il-leġislazzjoni l-ġdida mill-karta għall-prattika. Sabiex dan jitwettaq, jeħtieġ li nkunu nafu x'inhuma u min huma l-fatturi u l-atturi kritiċi sabiex niżguraw li l-liġi kontra d-diskriminazzjoni ma tkunx "liġi mejta". Dan għaliex anki l-aħjar liġijiet m'huma ta' ebda valur jekk ma jiġux mħarsa u infurzati fil-prattika.

Sabiex tirnexxi l-istrateġija li għandha l-għan li tiżgura li l-liġi tagħti riżultati tanġibbli lin-nies li suppost tipproteġi, għandha jkollha żewġ elementi. Fl-ewwel lok għandha, billi toħloq sensittività u kuxjenza, timmira li ttejjeb il-ħarsien tal-prinċipju tat-trattament ugwali. Fit-tieni lok, għandha tiżgura li jkun hemm infurzar effiċjenti kontra dawk li, minkejja dawn l-isforzi, ma jħarsux il-liġi.

Sabiex in-nies iħarsu l-liġi, iridu jkunu jafu dwar il-kontenut tagħha u jrid ikollhom ir-rieda tajba li jħarsuha. Huwa hawnhekk fejn jidħlu l-kampannji ta' informazzjoni, il-ħolqien ta' kuxjenza u l-attivitajiet li joħolqu sensittività. F'dan il-kuntest il-ħolqien ta' kuxjenza u sensittività għandhom jinftehmu b'mod wiesgħa li jinkludi mhux biss kampannji fil-medja u permezz ta' kartelluni pubbliċi, iżda wkoll per eżempju t-twaqqif ta' forum pubbliċi fejn jistgħu jiġu diskussi kwistjonijiet li jaħarqu dwar id-diskriminazzjoni.

Waqt li dawn l-attivitajiet aktarx li jgħinu biex inaqqsu l-każijiet ta' diskriminazzjoni, mhux aktarx li jeliminaw il-prattiċi diskriminatorji għal kollox. Huwa għalhekk li l-infurzar effiċjenti tal-liġi dwar id-diskriminazzjoni hija meħtieġa wkoll. Dan ifisser li hemm bżonn ta' aċċess faċli għall-ġustizzja u għall-organizzazzjonijiet li jagħtu għajnuna lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. Din hija l-aktar kwistjoni istituzzjonali, li teħtieġ li jkunu jeżistu l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjoniet relevanti, u li dawn ikollhom personal adegwat u jkunu jaħdmu b'mod effiċjenti. Il-pulizija, il-prosekuturi u l-qrati jridu jieħdu l-każijiet ta' diskriminazzjoni b'serjetà; jekk ma jsirx hekk il-vittmi tad-diskriminazzjoni jaqtgħu qalbhom milli jressqu l-każijiet tagħhom. L-eżistenza ta' istituzzjonijiet ta' l-ombudsman u korpi għall-ugwaljanza spiss jipprovdu rimedju li huwa faċilment aċċessibbli u fi żmien relattivament qasir. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom sehem imprezzabbli x'jagħtu, billi jas-

sistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni permezz ta' pariri, appoġġ, u jekk ikun meħtieġ, billi jgħinuhom iressqu l-każijiet tagħhom quddiem il-qrati.

Din il-pubblikazzjoni tindirizza l-qalba ta' dawn il-kwistjonijiet, u tagħti għadd ta' eżempji dwar kif il-liġi kontra d-diskriminazzjoni tista' ssir aktar effiċjenti fil-prattika. It-Taqsima I tisħaq dwar l-importanza ta' l-appoġġ u l-involviment attiv tal-partijiet kollha konċernati, u tagħti eżempji minn pajjiżi differenti dwar il-modi kif l-NGO's u l-imsieħba soċjali b'mod partikolari kienu involuti fil-proċessi leġislattivi. It-Taqsima II tiffoka fuq l-involviment u l-immobilizzar tad-diversi protagonisti ewlenin, speċjalment il-korpi għall-ugwaljanza, l-NGOs, l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi, b'enfażi partikolari fuq l-akbar minorità Ewropea; ir-Roma.

Dawn l-artikoli juru biċ-ċar il-vantaġġi kbar kemm ta' l-involviment attiv tal-partijiet konċernati kollha kif ukoll l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi li jirriżultaw minn esperjenzi miksuba minn xogħol prattiku f'dan il-qasam. Nawguraw li dawn iż-żewġ fatturi jsiru xi ħaġa oħra li l-Istati Membri ta' l-UE jikkondividu.

*Id-Direttivi jistgħu jgħinu sabiex titnaqqas id-dikotomija bejn l-iżvantaġġi kbar li jesperjenzaw il-komunitajiet Roma u l-potenzjal sinifikanti tagħhom li jagħtu kontribut siewi lill-Ewropa mkabbra.*



# Kollaborazzjoni u Konsultazzjoni



**"Il-kwalità tar-regolamentazzjoni tiddependi b'mod kruċjali fuq l-għoti ta' poter. B'dan jiena nifhem illi l-esperjenza u l-opinjonijiet ta' dawk li huma milquta direttament għandhom jiddaħħlu fil-proċess regolatorju. Gruppi bħall-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu u t-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tal-komunità u l-NGOs ta' l-interess pubbliku li jagħmluha ta' gwardjani, jedukaw u jinfurmaw lil ħaddieħor, u jgħinu lill-individwi sabiex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom. Dawn il-gruppi għandhom jingħataw id-dritt li jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fil-proċess ta' l-infurzar."**(1)

*Bob Hepple*
*QC, Professur Emeritus tal-Liġi,*
*fl'Università ta' Cambridge*

Wara l-approvazzjoni tad-Direttivi, l-għan ewlieni fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri kien li jissodisfaw ir-rekwiżiti formali tagħhom li jistabbilixxu proċeduri legali u amministrattivi adattati. Waqt li dan seta' deher li huwa proċess diffiċli, huwa proċess b'punt ta' tmiem, proċess li jista' jitlesta.

L-Istati Membri issa qed jiffaċjaw proċess miftuħ – li jiksbu l-għanijiet tad-Direttivi. Il-proċess tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza m'għandu ebda punt fiss ta' tmiem. Irid jissokta għal kemm hemm bżonn. Huwa proċess li ser joħloq sfida għall-maġġoranza ta' l-istutuzzjonijiet u jista' jġib fil-beraħ interessi ferm konfliġġenti. Barra minn hekk, huwa proċess li l-gvernijiet iridu jammettu li ma jistax jinkiseb b'mod iżolat.

Fil-bidu r-responsabbiltà kienet primarjament tal-gvernijiet nazzjonali, billi huma biss setgħu jdaħħlu l-leġislazzjoni meħtieġa. Meta approvaw id-Direttivi b'mod unanimu, l-Istati Membri ħaddnu formalment il-valur tal-parteċipazzjoni aktar wiesgħa u qablu li l-gvernijiet nazzjonali għandu jkollhom l-obbligu li jħeġġu u jippromwovu djalogu ma' l-industrija u ma' l-NGOs. Ftit hemm x'juri, madanakollu, li dan l-obbligu ngħata biżżejjed attenzjoni fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-UE mkabbra. F'xi Stati Membri dan id-djalogu jseħħ regolarment, iżda fejn il-komunikazzjoni tajba bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili m'hijiex xi ħaġa komuni, ir-rekwiżiti tad-Direttivi jidher li kellha ftit impatt. Min-naħa l-oħra, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu katalist sabiex tingħeleb l-isfiduċja li xekklet dan id-djalogu fl-imgħoddi.

Huwa utli li nibnu fuq l-esperjenza mgħoddija ta' l-Istati Membri – kemm dik pożittiva kif ukoll dik negattiva- sabiex nindirizzaw id-dis-

kriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel; nistgħu nitgħallmu wkoll mill-ġurisdizzjonijiet li kellhom liġijiet oħrajn kontra d-diskriminazzjoni għal bosta snin.

## It-talbiet individwali ta' reazzjoni m'humiex biżżejjed

Sabiex tinqered id-diskriminazzjoni huwa fundamentali li l-vittmi tad-diskriminazzjoni jkollhom dritt reali li jfittxu u li jingħataw rimedju. Iżda mis-snin kollha tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jidher biċ-ċar li waqt li dan huwa essenzjali, m'huwiex biżżejjed, speċjalment jekk l-għan huwa l-progress reali lejn l-ugwaljanza. Il-prassi istituzzjonalizzati ta' diskriminazzjoni b'għeruq fondi m'hux aktarx li ser jitneħħew b'xi mod sinifikanti jew permanenti b'talbiet individwali. Meta l-organizzazzjonijiet jieħdu pożizzjoni difensiva riġida, it-talbiet individwali jistgħu jwebbsu r-reżistenza għall-bidla. Wieħed jista' jargumenta li mhux talli m'huwiex għaqli, iżda huwa wkoll ħażin fil-prinċipju li l-piż tat-tneħħija tad-diskriminazzjoni tintefa' fuq spallejn il-ftit individwi li huma lesti li jilmentaw.

Għaldaqstant, waqt li għandhom iżommu u jappoġġjaw il-proċess ta' rimedji individwali effettivi, fl-istess ħin il-gvernijiet u l-gruppi fi ħdan is-soċjetà ċivili jridu jħarsu lil hinn minn strateġija ta' reazzjoni ibbażata fuq l-individwu u jfittxu mezzi aktar proattivi sabiex tinħoloq bidla fl-attitudnijiet u l-prassi istituzzjonali ta' organizzazzjoni fit-totalità tagħha.

Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-organizzazzjoni nnifisha tidentifika x-xkiel għall-ugwaljanza – fl-impjieg, fit-taħriġ jew fl-aċċess għal prodotti jew servizzi. Ix-xkiel fi ħdan organizzazzjoni jista' jinkludi linji politiċi u proċeduri li, volontarjament jew mhux volontarjament, jeskludu jew jiżvantaġġjaw lil xi gruppi partikolari. Dawn jistgħu jkunu linji politiċi jew proċeduri bil-miktub jew 'regoli' mhux bil-miktub li huma mnissla minn sterjotipi jew preġudizzji li qatt ma ġew sfidati. Meta jkun hemm xi xkiel li jiċħad l-ugwaljanza fl-opportunitajiet lil xi gruppi partikolari, l-organizzazzjoni hija mistennija li twettaq bidla.

Il-membri ta' gruppi partikolari jistgħu wkoll isaqqfu wiċċhom ma' xkiel imsejjes fuq l-esklużjoni u t-trattament sfavorevoli ta' dak il-grupp. Dan jidher ukoll meta, minkejja miżuri maħsuba biex jipprovdu ugwaljanza fl-opportunitajiet, ma jkun hemm ebda, jew ftit bi proporzjon, membri ta' gruppi partikolari magħżula għall-impjieg jew li juma kapaċi jgawdu minn benefiċċji jew li jkollhom aċċess għal servizzi. Mingħajr intervent fil-forma ta' azzjoni pożittiva sabiex jingħelbu l-effetti ta' diskriminazzjoni fl-imgħoddi, dan l-iżvantaġġ aktarx li jissokta.

Huwa ċar li parti essenzjali mill-identifikazzjoni tax-xkiel u l-ippjanar għall-bidla huwa l-involviment tal-gruppi li huma żvantaġġati. M'għandniex xi ngħidu, is-sehem li jistgħu jagħtu l-partijiet l-oħrajn konċernati fit-twettiq ta' bidla fi ħdan l-organizzazzjonijiet jiddependi kemm fuq il-liġi nazzjonali u r-relazzjonijiet tradizzjonali. It-trade unions jista' jkollhom sehem essenzjali jew inkella jista' ma jkollhom ebda sehem. Il-leġislazzjoni tista' timponi obbligi pożittivi fuq l-awtoritajiet pubbliċi jew fuq dawk kollha li jħaddmu jew xi ftit partikolari fosthom. Il-korpi speċjalizzati jista' jkollhom poteri wiesgħa ta' infurzar inklużi l-poteri li jinvestigaw, li jagħmlu rakkomandazzjonijiet jew li jiksbu impennji b'rabta li ser jittieħdu miżuri pożittivi sabiex tiġi implimentata l-bidla.

## Jeħtieġ li d-diversi partijiet konċernati jaħdmu id f'id

Idealment, il-gvernijiet nazzjonali, il-korpi speċjalizzati, l-organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku u dak privat, it-trade unions, l-NGOs

(1) *"Work, empowerment and equality" Lekċer pubblika, International Insitute of Labour Studies, Ġinevra, Novembru 2000*

u l-membri tal-gruppi żvantaġġati jaraw il-benefiċċju reċiproku li jikkollaboraw sabiex jippromwovu l-ugwaljanza. Dan jista' jinkludi li jintlaħaq ftehim dwar mekkaniżmi li jmexxu lill-organizzazzjonijiet sabiex jevalwaw l-impatt tal-prattika preżenti tagħhom u sabiex jaġixxu biex ineħħu x-xkiel għall-ugwaljanza. Meta jiġu żvelati każijiet ta' diskriminazzjoni istituzzjonali u l-organizzazzjonijiet jonqsu milli jaġixxu jkun hemm bżonn ta' sanzjonijiet. Is-sanzjonijiet formali jistgħu jiġu speċifikati fil-liġi jew fid-dispożizzjonijiet amministrattivi. Sanzjonijiet informali jistgħu jiġu applikati minn gruppi differenti ta' partijiet konċernati, inkluża l-esklużjoni minn kuntratti pubbliċi, bojkotts tal-konsumaturi jew azzjoni industrijali.

Il-lezzjoni reali li nistgħu nieħdu mill-esperjenza ta' l-Istati Membri u ġuriżdizzjonijiet oħrajn hi li aktar ma jkun hemm nies involuti bħala partijiet konċernati, u li jgħarfu li għandhom interess ġenwin li tinbena soċjetà msejsa fuq l-ugwaljanza, aktar ikunu effettivi l-liġijiet, is-sanzjonijiet jew kampannji. Barra minn hekk, l-involviment ta' gruppi differenti minnu nnifsu jikkontribwixxi għall-proċess ta' bidla fl-attitudnijiet u l-prattiċi.

## L-Ungerija

Fl-Ungerija, id-Direttivi kellhom jiġu implimentati fil-ħin għall-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Il-gvern Ungeriż iddeċieda li jadotta strateġija innovattiva u inklużiva fil-proċess ta' konsultazzjoni li dam sentejn u nofs. Kienet l-ewwel darba li saret konsultazzjoni leġislattiva permezz ta' l-Internet kif ukoll permezz ta' mezzi aktar tradizzjonali.

F'Novembru ta' l-2002, ġie ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni ta' 80 paġna fuq sit ta' l-internet dedikat li jippreżenta l-kunċetti li jinsabu fid-Direttivi tal-KE. Id-dokument ta' konsultazzjoni jinkludi wkoll proposta dwar kif il-Gvern seta' jipprevedi l-implimentazzjoni tagħha fil-liġi Ungeriża. Barra minn hekk, il-Qorti Suprema Ungeriża ħarġet Opinjoni dwar kif l-implimentazzjoni tad-Direttivi ser taffettwa kunċetti legali Ungeriżi eżistenti.

Bejn Novembru ta' l-2002 u Mejju ta' l-2003 meta t-test legali domestiku ġie elaborat, l-awtoritajiet Ungeriżi ltaqgħu mar-rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili – b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw il-komunità Roma u l-komunitajiet omosesswali u lesbiċi – kif ukoll it-trade unions u l-għaqdiet ta' dawk li jħaddmu sabiex jitgħallmu aktar dwar il-problemi u l-prijoritajiet tagħhom għal-leġislazzjoni.

L-abbozz tal-leġislazzjoni domestika reġa' ġie diskuss mal-partijiet konċernati ewlenin bejn Mejju sa Awissu ta' l-2003 u ġie aġġustat il-kontenut u l-lingwaġġ tiegħu qabel ma ġie ppreżentat lill-Parlament Ungeriż għad-dibattitu u l-adozzjoni. It-test leġislattiv Ungeriż li jimplimenta ż-żewġ Direttivi ta' l-Artikolu 13 li ġie adottat susseġwentement fit-tmiem ta' l-2003, tabilħaqq jirrappreżenta kollaborazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili.



*Il-perspettivi diversi joħolqu metodi innovattivi*

## Ir-Renju Unit

Il-proċess ta' konsultazzjoni tar-Renju Unit beda fis-sena 2000, b'konsultazzjoni dwar il-prinċipji ġenerali tad-Direttiva dwar l-Impjieg. Dan ġie segwit b'żewġ konsultazzjonijiet ulterjuri. L-ewwel waħda, imsejħa "Towards Equality and Diversity" tat ħarsa lejn l-istrateġeja ta' implimentazzjoni ġenerali. It-tieni, "The Way Forward", li bdiet f'Ottubru ta' l-2002, tat ħarsa lejn kull aspett tad-diskriminazzjoni u l-kontenut speċifiku ta' l-abbozz leġislattiv. L-objettivi ta' din is-serje ta' konsultazzjonijiet kienu li jiġu diskussi l-prijoritajiet għal-leġislazzjoni domestika proposta, u sabiex tippermetti lil dawk li jħaddmu, lill-organizzazzjonijiet, lit-trade unions u lill-impjegati konċernati biżżejjed żmien sabiex jippreparaw għal-leġislazzjoni, qabel ma daħlet fis-seħħ.

Matul it-tlett snin qabel ma daħlu r-Regolamenti fis-seħħ, intbagħtu madwar 4000 risposta bħala riżultat tad-diversi konsultazzjonijiet. Bħala sinjal ta' l-effettività tal-proċess huwa importanti li wieħed jinnota li r-risposti konsultattivi kienu direttament responsabbli biex jagħtu forma lil ċerti aspetti tal-leġislazzjoni, per eżempju, id-definizzjoni ta' orjentazzjoni sesswali użata fir-Regolamenti dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg (Orjentazzjoni Sesswali) li tirreferi għal orjentazzjoni lejn persuni ta' l-istess sess, is-sess oppost jew iż-żewġ sessi.

Fl-aħħar huwa importanti li wieħed jinnota li d-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija kien id-dipartiment tal-Gvern ewlieni direttament involut fl-implimentazzjoni ta' l-aspetti tad-Direttiva dwar l-Impjieg li jkopru l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew twemmin u l-età, iżda kienu involuti wkoll dipartimenti oħrajn fid-Direttivi dwar l-Impjieg u r-Razza. Il-Home Office huwa responsabbli għar-razza waqt li d-Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet huwa responsabbli għall-bżonnijiet speċjali. Il-ħidma effettiva bejn id-diversi dipartimenti assigurat li, fejn kien prattiku, inkisbet konsistenza fid-definizzjonijiet fid-diversi aspetti leġislattivi fil-ħin.

# L-involviment u l-Immobilizzar tal-Protagonisti

## 2.1. Bidla fis-sehem ta' l-assoċjazzjonijiet

**Il-vittmi tad-diskriminazzjoni jkunu aktar disposti u kunfidenti li jibdew azzjoni legali meta jingħataw appoġġ mill-organizzazzjonijiet. Għalkemm il-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni għandha tkun marbuta ma' għanijiet politiċi soċjali u ta' natura ġenerali "il-liġi u l-litigazzjoni huma mekkaniżmi fundamentali għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem, it-tkabbir tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku, it-titjib tal-kondizzjonijiet ekonomiċi, it-tħeġġiġ ta' l-għoti ta' poter mill-għeruq, ir-riforma tal-liġijiet u tas-sistemi legali, u t-trawwim tar-responsabbiltà governattiva – li xi aspetti minnhom huma msejħa b'mod ġenerali minn xi kummentaturi bħala valuri ta' l-"Istat ta' dritt"**[(2)]**.**

Jeżistu żewġ pre-kondizzjonijiet ewlenin għal leġislazzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni. Fl-ewwel lok id-drittijiet tal-vittmi għal rimedju personali effettiv kontra l-persuna jew l-entità li tkun wettqet id-diskriminazzjoni u fit-tieni lok l-eżistenza ta' mekkaniżmi adegwati f'kull Stat Membru sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' infurzar. [(3)]

### L-għoti ta' locus standi

Fost l-innovazzjonijiet ewlenin li ddaħħlu bid-Direttivi huma salvagwardji li jinkludu - inter alia – id-dritt ta' l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet legali l-oħrajn kollha, li huma meqjusa taħt id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza tar-Razez u t-Trattament Ugwali li għandhom "interess leġittimu" biex jappoġġaw jew jirrappreżentaw direttament lill-vittmi tad-diskriminazzjoni hekk kif definit fiż-żewġ Direttivi. L-għoti ta' locus standi – jew interess ġuridiku – fetaħ toroq ġodda waqt li ġab ukoll miegħu sfidi ġodda.

Għall-ewwel darba, il-kunċett ta' locus standi għall-assoċjazzjonijiet iddaħħal fuq livell Komunitarju waqt li fl-imgħoddi dan kien jaqa' biss taħt il-kompetenza tal-gvernijiet nazzjonali b'varjazzjoni fil-livelli ta' koeżjoni.

Xi awturi lmentaw mill-fatt li, taħt id-Direttivi, l-organizzazzjonijiet ma ngħatawx dritt indipendenti li jressqu azzjonijiet mingħajr ma tkun identifikata xi vittma individwali tad-diskriminazzjoni (id-dritt ta' azzjoni kollettiva) li jista' jkun partikolarment utli sabiex jiġu indirizzati forom istituzzjonalizzati ta' diskriminazzjoni, li huma l-frott ta' prattiċi ġeneralizzati u li għaldaqstant huma inqas faċli li jiġu sfidati mill-individwi.[(4)]

Madanakollu, fil-kuntest tat-tkabbir, id-dispożizzjoni li tinsab fiż-żewġ Direttivi tistabbilixxi standard għall-Istati Membri ġodda fuq il-bażi tal-prattika eżistenzi fl-Istati l-Membri l-qodma.

Fil-prinċipju, din l-evoluzzjoni għandha twassal għal titjib sinjifikanti kemm għall-impegati kif ukoll għall-konsumaturi. Qabel dan huma jew ma setgħux, jew kienu jsibuha bi tqila, jressqu proċeduri legali kontra min iħaddimhom jew kontra fornitur ta' servizz minħabba li dan seta' jwassal għal konsegwenzi bħal tkeċċija jew servizz ħażin. It-tisħiħ tat-"tielet mod" ta' rappreżentanza li primarjament m'huwiex imsej-

jes fuq il-konfrontazzjoni għandu jgħin ħafna sabiex iħeġġeġ lil dawk li jħaddmu u lill-fornituri ta' servizzi sabiex jadottaw strateġija preventiva fl-implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi.

Madanakollu, ir-realtà hi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi li jeħtieġu li l-Istati Membri jippromwovu d-djalogu bejn l-industrija[(5)] u l-NGOs[(6)], kif ukoll li jagħtu locus standi lill-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu, poġġew sfida quddiem it-trade unions, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet relevanti l-oħrajn.

Hija sfida għaliex sabiex ikollhom impatt reali fuq l-infurzar tad-Direttivi, l-organizzazzjonijiet iridu jiffaċċjaw dawn l-isfidi bis-sod. Iridu jadattaw il-metodi u l-prattiċi tax-xogħol tagħhom u jiżviluppaw strateġiji aktar wiesgħa sabiex jipproteġu aħjar lill-vittmi potenzjali tad-diskriminazzjoni u sabiex irawwmu l-ugwaljanza.

## Niffaċċjaw l-isfida

L-attivitajiet ewlenin li dawn l-organizzazzjonijiet ser ikollhom bżonn jindirizzaw sabiex jiksbu l-għanijiet tagħhom jinkludu:

- L-għoti ta' informazzjoni: il-vittmi potenzjali u, b'mod aktar wiesgħa, il-pubbliku ġenerali jridu jiġu infurmati aħjar dwar l-għodda leġislattivi eżistenti. Spiss jiġri li l-vittmi ma jkunux jafu dwar id-drittijiet tagħhom għal rimedju, il-proċeduri li jridu jsegwu u lil min għandhom javviċinaw f'każ ta' bżonn.

- Ħolqien ta' kuxjenza u taħriġ: irid isir sforz kbir fil-qasam tal-ħolqien ta' kuxjenza u taħriġ ma' dawk li jaħdmu direttament fil-qasam tad-Direttivi u l-implimentazzjoni tagħhom fuq il-livell domestiku. L-organizzazzjonijiet jistgħu jagħtu kontribut billi jagħtu taħriġ speċifiku dwar kwistjonijiet relatati mat-trattament ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

- Avukatura u pressjoni: ħila esperta fil-qasam legali u ta' l-avukatura mis-settur ta' l-NGOs u organizzazzjonijiet relevanti oħrajn huma meħtieġa, per eżempju, sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttivi jiġu applikati b'mod xieraq, sabiex jiġu dokumentati l-prattiċi abużivi jew għall-abbozzar leġislattiv.

- Ħolqien ta' allejanzi u kuntatti: sabiex l-ugwaljanza tibqa' minn ta' l-ewwel fuq l-aġenda politika, hija meħtieġa l-immobilizzazzjoni politika sabiex jinkisbu aktar viżibbiltà, kredibbiltà u appoġġ. L-organizzazzjonijiet għandhom jaħdmu sabiex jinvolvu numru massimu ta' partijiet konċernati f'dan il-proċess u għandhom jikkooperaw b'mod attiv mal-korpi speċjalizzati jew l-aġenziji speċifiċi.

Wieħed għad irid jara jekk l-organizzazzjonijiet eliġibbli humiex tabilħaqq ser jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibilitajiet li issa huma disponibbli permezz tar-regoli l-ġodda. Jiddependi ħafna fuq il-kapaċità tagħhom li jagħmlu l-istrutturi tagħhom aktar professjonali, li jimmobolizzaw ir-riżorsi kemm umani kif ukoll finanzjarji u li jadattaw l-organizzazzjonijiet tagħhom. L-infurzar u l-implimentazzjoni tad-Direttivi huma elementi ta' proċess twil li eventwalment għandu jwassal għal bidla soċjali fis-soċjetajiet tagħna. L-organizzazzjonijiet b'"interess leġittimu" għandhom il-ħila meħtieġa u jixirqilhom ikunu protagonisti f'dan il-proċess.

*(2). Public Interest Litigation: Selected Issues and Examples. Helen Hershkoff.*
*(3). COM/ 99/ 0565 finali.*
*(4). Meeting the challenge? A comparison between the EU racial equality Directive and the Starting line. Mark Bell. In The Starting line and the incorporation of the Racial Equality Directive into the national laws of the EU Member States and Accession States. Isabelle Chopin u Jan Niessen (ed.). Londra/Brussell: Commission for Racial Equality/Migration Policy Group, 2001. Pp 22-54.*
*(5). L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez u l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar Qafas għall-Ugwaljanza*
*(6). L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez u l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar Qafas għall-Ugwaljanza*

# Korpi speċjalizzati ta' l-ugwaljanza u d-Direttiva dwar ir-Razez



**L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez tistipula li jrid jiġi nominat korp speċjalizzat (jew korpi speċjalizzati) għall-promozzjoni tat-trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. Xogħolhom hu li jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, li jmexxu stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni, u li jippubblikaw rapporti indipendenti u li jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam ma' din id-diskriminazzjoni.**

Id-Direttivi ta' l-Artikolu 13 ġabu bidla sinifikanti kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' drittijiet sostantivi kif ukoll fl-istrutturi amministrattivi meħtieġa sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni effettiva tar-regoli l-ġodda.

## Korpi speċjalizzati – obbligu legali

Id-Direttivi jobbligaw lill-gvernijiet sabiex jagħmlu diversi affarijiet li huma kruċjali għall-infurzar effettiv tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' korpi speċjalizzati li jistgħu jiġu fdati sabiex jipprovdu konnessjoni ta' appoġġ bejn il-liġi u dawk milquta bid-diskriminazzjoni. Il-mandat tal-korpi speċjalizzati jinkludi l-għoti ta' appoġġ indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni u hemm bosta mezzi ta' kif jista' jingħata dan l-appoġġ (mill-għoti ta' informazzjoni, sa medjazzjoni u litigazzjoni). Il-korpi speċjalizzati jistgħu wkoll iwettqu stħarriġ indipendenti (li jagħti prijorità lil ċerti oqsma ta' diskriminazzjoni), jippubblikaw rapporti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar linji politiċi (per eżempju dwar kwistjonijiet urġenti).

Bosta Stati Membri ta' l-UE emendaw il-leġislazzjoni tagħhom dwar it-trattament ugwali jew adottaw liġijiet ġodda sabiex jimplimentaw iż-żewġ Direttivi fiż-żmien stabbilit mill-KE. Madanakollu, sabiex jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez, bosta Stati Membri kellhom jiffaċċjaw l-isfida li jew jistabbilixxu korp indipendenti kompletament ġdid għal dan l-iskop, jew li jirrevedu l-mandati ta' korpi speċjalizzati eżistenti.

L-istorja (xi kultant qasira) ta' korpi indipendenti speċjalizzati eżistenti fil-Belġju, fl-Irlanda, fl-Olanda, fl-Isvezja u fir-Renju Unit, li fuq il-mandati tagħhom ġew imfassla d-dmirijiet imsemmija fl-Artikolu 13, turi li dawn huma kruċjali għad-difiża tad-drittijiet ta' l-individwi kif ukoll għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika kontra d-diskriminazzjoni.

## Il-korpi eżistenti jistabbilixxu l-livell li għandu jintlaħaq

Is-sehem krućjali li jagħtu l-korpi ta' l-ugwaljanza f'dawn il-pajjiżi huwa iktar wiesgħa mill-mandat meħtieġ fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez. Il-livell milħuq de facto ġie adottat b'mod spontanju fl-UE-25 kollha fejn hemm tendenza li jitwessa' l-mandat billi tiġi inkluża d-diskriminazzjoni għal raġunijiet oħrajn minbarra r-razza u l-oriġini etnika. F'każijiet fejn hemm aktar minn korp wieħed li jkopru raġunijiet differenti għad-diskriminazzjoni hemm pjanijiet li dawn jingħaqdu jew li tissaħħaħ l-kooperazzjoni bejniethom.

Minn perspettiva aktar wiesgħa, it-titjib tal-kooperazzjoni transnazzjonali u l-iskambju ta' ħila esperta qed tgħin lill-korpi speċjalizzati sabiex iwettqu aħjar ix-xogħol tagħhom li jippromwovu t-trattament ugwali u li jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni razzjali. Ġew stabbiliti żewġ inizzjattivi ewlenin li huma ffinanzjati taħt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni (2001 – 2006) sabiex jiġi mħeġġeġ il-qsim ta' l-għarfien u l-esperjenza.

Fl-ewwel lok, il-proġett "Towards a uniform and dynamic implementation of EU anti-discrimination legislation: the role of specialised bodies" ħoloq netwerk li tikkonsisti f'sitt korpi speċjalizzati eżistenti, l-Ombudsman għall-Opportunitajiet Ugwali fl-Impjieg fl-Awstrija u l-Grupp dwar il-Politika tal-Migrazzjoni (Belġju). Il-proġett għandu l-għan li jippromwovi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni, u li jistimula l-iżvilupp dinamiku tat-trattament legali ugwali fl-Istati Membri ta' l-UE.

Din in-netwerk ser tiġi mkabbra bil-mod il-mod biex tinkludi korpi speċjalizzati ġodda minn Stati Membri oħra ta' l-UE u pajjiżi kandidati, kif ukoll korpi li jindirizzaw raġunijiet tad-diskriminazzjoni oħrajn minbarra r-razza. Ir-rappreżentanti tal-korpi li għadhom kif ġew stabbiliti jew dawk li ser jiġu stabbiliti fil-ġejjieni diġà qegħdin jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett, bħal laqgħat regolari ta' l-esperti .

Fit-tieni lok, dwar il-korpi speċjalizzati li għad m'għandhomx il-kapaċità f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi jew ħila esperta, qegħdin jiġu megħjuna permezz ta' l-hekk imsejħa proġetti ta' "ġemellaġġ" li jgħaqqdu korpi speċalizzati ta' esperjenza ma' dawk ta' anqas esperjenza. Proġett bħal dan diġà sar bejn il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza għall-Irlanda ta' Fuq (ECNI) u l-Kunsill Nazzjonali għal kwistjonijiet Etniċi u Demografiċi (NCEDI) fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri, Sofija, il-Bulgarija.

L-ECNI kienu kapaċi jipprovdu l-għarfien u l-esperjenza dwar il-liġi kontra d-diskriminazzjoni tar-Renju Unit u l-aħjar prattika u għajnuna fl-abbozzar tal-liġi u l-promozzjoni ta' dibattitu pubbliku u diskussjoni dwar il-kontenut tagħha. L-ECNI bdew it-tieni proġett ta' ġemellaġġ ma' l-Uffiċċju tal-Kanċellatur Legali (OLC) f'Tallinn, l-Estonja fi Frar ta' l-2004. Ser jgħinu lill-OLC jiżviluppaw proċedura sabiex jindirizzaw l-ilmenti, u jabbozzaw manwal tal-proċess. Ser jipprovdu wkoll taħriġ lill-persona ta' l-OLC dwar id-direttivi ta' l-UE b'referenza għall-liġi u l-prattika ta' kontra d-diskriminazzjoni fir-Renju Unit u fl-Irlanda ta' Fuq.

Dawn il-proġetti ta' "ġemellaġġ" u oħrajn bħalhom jipprovdu esperjenza, materjal u mudelli relevanti għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' ħila esperta bejn korpi speċjalizzati.

(7). *Il-Kummissjoni Ewropea, Specialised bodies to promote equality and/or combat discrimination. Final Report (2002), http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm (publications, Study on anti-discrimination bodies).*

(8). *Ara www.migpolgroup.com/programmes, Diversity and anti-discrimination, Anti-discrimination, Specialised bodies; għal rapporti dwar il-laqgħat ta' l-esperti ara www.migpolgroup.com/publications*

# Il-Perspettiva ta' Assoċjazzjoni: Ħarsien tad-drittijiet tar-Roma



**"Fl-imgħoddi," tispjega Dimitrina Petrova, id-Direttirċi ta' ERRC, "l-aġenda tad-drittijiet tar-Roma kienet iddominata bil-kwistjoni tal-vjolenza razzjali. Madanakollu, matul l-aħħar tlett snin rajna ċaqlieqa lejn in-nuqqas ta' diskriminazzjoni bħala l-kwistjoni ewlenija tagħna. Meta issa nitkellmu dwar każijiet ta' drittijiet legali tar-Roma, is-suġġett huwa dejjem aktar ma jmur dwar id-diskriminazzjoni. Anki meta l-kwistjoni ċentrali tkun xi inċident vjolenti, aħna ngħaqqduha ma' talba dwar id-diskriminazzjoni."**

Il-European Roma Rights Centre (ERRC) huwa organizzazzjoni ta' interess pubbliku dwar il-liġi u d-drittijiet tal-bniedem ibbażat f'Budapest. Huwa korp professjonali, immexxi minn bord ta' diretturi internazzjonali. Billi l-maġġoranza tar-Roma Ewropej jinsabu fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, l-attivitajiet jiffukaw primarjament fuq dan ir-reġjun.

B'mandat ġenerali ta' protezzjoni tad-drittijiet legali tar-Roma, il-personal, il-kollaboraturi u l-konsultenti jwettqu t-tlett attivitajiet ċentrali ta' l-organizzazzjoni: litigazzjoni, taħriġ legali u xogħol ta' avukatura.

Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar ir-Razez kellha impatt kbir mhux biss fuq l-attivitajiet legali ta' l-ERRC, iżda wkoll fuq l-inizzjattivi tagħhom ta' avukatura u taħriġ.

"Minn meta ġiet adottata d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez, din saret il-kwistjoni ċentrali fuq l-aġenda tagħna dwar l-avukatura, it-taħriġ u l-litigazzjoni. Fil-qasam tal-litigazzjoni, aħna nilqgħu d-dispożizzjoni fid-Direttiva dwar ir-Razez li tagħti locus standi lill-Assoċjazzjonijiet. Fil-fatt nibbażaw ruħna fuqha, billi din tagħtina l-opportunità li mmorru l-qorti direttament sabiex nirrappreżentaw lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

"Ħafna mill-attivitajiet tagħna ta' litigazzjoni huma konċentrati fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant – li hija d-dar tal-maġġoranza tal-komunità Roma Ewropea. Fost l-Istati Membri ġodda u l-kandidati ta' l-UE, huma biss il-Bulgarija, l-Ungerija u r-Rumanija li għandhom liġijiet komprensivi kontra d-diskriminazzjoni msejsa fuq id-Direttiva ta' l-UE. Kemm fl-Ungerija kif ukoll fil-Bulgarija, ħadna l-ewwel passi sabiex nressqu każijiet fejn l-ERRC ser ikollu locus standi, li jiffukaw fuq l-aċċess tar-Roma għal servizzi pubbliċi. Għaldaqstant, per eżempju, diġà preżentajna każ dwar id-diskriminazzjoni kontra r-Roma fl-aċċess għas-sistema tal-provvista ta' elettriku. B'dan il-mod qegħdin neżaminaw kif il-qrati ser jirreaġixxu meta NGO tkun l-attriċi.

"Għad irridu naraw jekk il-liġi dwar id-diskriminazzjoni li ser jgħaddu l-pajjiżi l-oħrajn hix ser ikollha dispożizzjoni dwar il-locus standi. F'pajjiżi fejn din id-dispożizzjoni m'hijiex

inkluża fil-liġi, aħna ser inkomplu nirrappreżentaw l-interess pubbliku billi nidhru għal klijenti individwali.

"L-ERRC bħalissa huwa involut f'mhux anqas minn 150 kawża pendenti fuq livell domestiku, waqt li numru simili ġew magħluqa. Ta' mill-inqas 80% tal-każijiet preżenti għandhom element ta' diskriminazzjoni. Madwar 30 sa 40 minn dawn qed jitressqu quddiem il-qorti fil-qafas ta' wieħed mil-erba' 'proġetti ta' litigazzjoni konġunti' stabbiliti fl-Ungerija, fl-Islovakkja, fir-Repubblika Ċeka u fil-Bulgarija b'kooperazzjoni ma' organizzazzjoni legali nazzjonali."

Is-Sin.Petrova spjegat ukoll l-istruttura ta' dawn il-proġetti ta' litigazzjoni konġunta: "Kumitat ta' tmexxija, li jikkonsisti f'avukati ta' l-ERRC u rappreżentanti ta' l-NGO nazzjonali, huwa responsabbli sabiex jagħżel il-każijiet għal-litigazzjoni skond linji ta' gwida stabbiliti minn qabel. Ix-xogħol legali jinqasam bejn l-ERRC u s-sieħeb nazzjonali. Per eżempju, dan l-aħħar ressaqna każ dwar l-isterilizzazzjoni fl-Ungerija flimkien ma' NEKI (NGO li tiddefendi d-drittijiet tal-minoranzi). Dawn il-każijiet kollha jiffokaw b'mod partikolari fuq talbiet ibbażati fuq id-diskriminazzjoni."

"L-ERRC jaħdem ukoll fuq livell internazzjonali – jiġifieri fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburg u l-korpi mwaqqfa mit-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa ressaq każijiet taħt proċeduri ta' ilment individwali tan-NU bħal ma huma s-CERD (Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' kull xorta ta' diskriminazzjoni razzjali) jew is-CEDAW (Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa). Bħalissa għandna madwar 40 każ internazzjonali b'kollox, li madwar nofshom jinkludu talbiet bbażata fuq id-diskriminazzjoni."

Is-sin.Petrova tgħaraf ukoll l-importanza li l-professjonisti legali jsiru aktar sensittivi għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Roma; b'mod partikolari fil-mod kif dawn għandhom x'jaqsmu mad-Direttivi l-ġodda tal-KE.

"Aħna organizzajna sitt jew seba' workshops kull sena matul dawn l-aħħar tlett snin, immirati għall-avukati li kellhom x'jaqsmu, jew li għandhom x'jaqsmu, ma' każijiet dwar ir-Roma. Kif diġà semmejt, il-qasam tad-drittijet tar-Roma qed jersaq lil hinn minn każijiet ta' abbuż mill-pulizija, vjolenza ċivili jew każijiet oħrajn taħt is-sistema tal-ġustizzja kriminali, u qed joqrob aktar lejn każijiet ta' diskriminazzjoni fil-qasam tad-drittijiet soċjo ekonomiċi – jiġifieri d-drittijiet għall-impjieg, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, id-djar u s-servizzi pubbliċi – li huma l-kwistjonijiet ewlenin tad-Direttiva dwar ir-Razez."

Hija ssoktat: "S'issa ix-xogħol ta' taħriġ tagħna ntlaqa' tajjeb ħafna. Għall-bidu ħsibna li l-imħallfin m'hux ser ikunu disposti li jivjaġġaw għal workshops dwar ir-Roma, iżda billi l-liġi hija daqstant ġdida u interessanti u r-Roma huma fost il-benefiċjarji ewlenin tad-Direttiva dwar ir-Razez fl-Ewropa, it-taħriġ ħoloq ħafna interess fost il-komunità legali.

"B'kollox it-taħriġ tagħna laħaq madwar 1000 professjonist legali matul l-aħħar tlett snin. Naturalment, dan m'hux ser ibiddel l-attitudnijiet u l-ħila esperta immedjatament imma huwa bidu. Huma ġew esposti għal ideat ġodda, għad-Direttiva, u għal kuntatti ġodda fil-qasam."

Flimkien ma' l-attivitajiet ta' litigazzjoni u taħriġ tagħhom, is-Sin. Petrova kompliet tispjega dwar ix-xogħol ta' avukatura tagħhom.

"Aħna nimmiraw li nkunu sieħeb attiv fl-abbozzar tal-liġi nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni, u ksibna dan l-għan fil-Bulgarija u fl-Ungerija. Jiena stess ħadt sehem fil-grupp tax-xogħol li abbozza l-liġi fil-Bulgarija, u fl-Ungerija tajna sehem minn ġewwa u tajna l-kummenti tagħna dwar l-abbozzi. Għalhekk fiż-żewġ każijiet nħossu li kellna sehem fil-liġijiet li finalment ġew adottati.

"Fir-rigward tal-pajjiżi l-oħrajn, aħna nippruvaw nagħtu informazzjoni kostanti u nagħtu opinjonijiet dwar il-liġijiet abbozzati, flimkien ma' l-imsieħba lokali. M'hemmx xi ngħidu, xi pajjiżi huma inqas trasparenti u inklużivi."

"Jiena ninsab ottimista, għalkemm b'ċerta kawtela, illi l-Istati Membri l-ġodda ser jimplimentaw liġi kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-Direttiva dwar ir-Razez ta' l-UE. Din diġà teżisti fi tlett pajjiżi, u qed nistennew biex naraw x'ser jiġri fl-Islovenja, fl-Islovakkja u fir-Repubblika Ċeka. Is-sitwazzjoni hija inqas promettenti fl-Estonja, fil-Litwanja u fil-Polonja, li x'aktarx ser jispiċċaw b'ħallata ballata ta' dispożizzjonijiet mxerrda fil-leġislazzjoni minflok liġi waħda komprensiva."

Dwar il-prijoritajiet ta' l-ERRC fil-ġejjieni, is-Sin.Petrova tinsab entużjasta iżda realistika:

"It-tkabbir ta' l-UE u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Razez fuq livell nazzjonali kienu l-prijorità ewlenija tagħna matul dawn l-aħħar ftit snin. Fil-ġejjieni nixtiequ nżidu l-ħidma taħna f'pajjiżi ġirien – b'mod partikolari fil-Balkani, fl-Ukraina u fir-Russja. L-inċidenti vjolenti u l-abbuż mill-pulizija għadhom il-kwistjonijiet dominanti li r-Roma jsaqqfu wiċċhom magħhom f'dawn il-pajjiżi, u għalhekk, li wieħed jiġġieled għall-aċċess għall-edukazzjoni jew għal-impjieg jidher li hu xi daqsxejn ta' lussu, iżda dan għad jasal u aħna nittamaw li l-proġetti kurrenti tagħna jagħtu l-frott 'il quddiem."

## Fatti u ċifri dwar ir-Roma

L-istimi tal-popolazzjoni Roma fl-Ewropa ta' llum ivarjaw bejn 6 u 12-il miljun. Huwa diffiċli biex wieħed jikseb informazzjoni preċiża, minħabba li ħafna Roma ma jiddikjarawx bil-miftuħ l-etniċità tagħhom minħabba preġudizzju b'għeruq fondi fost il-komunità maġġoritarja. Madwar 80% tar-Roma fl-Ewropa jgħixu fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, fejn f'bosta pajjiżi jammontaw għal aktar minn 5% tal-popolazzjoni.

Il-komunità Roma hija ferm diversa kemm fil-lingwa kif ukoll fit-tradizzjonijiet kulturali. Madanakollu, jirrappreżentaw grupp etniku distint li jista' jiġi ntraċċat għal migrazzjonijiet bikrin mill-Indja. Id-djaletti differenti tal-lingwa Romani għandhom għeruq komuni msejsa fuq il-Punġabi jew il-Ħindi qadim. Il-biċċa l-kbira tar-Roma jistgħu jinqasmu fi gruppi skond il-post tar-residenza jew ta' oriġini tagħhom, bħall-"Gitanos" Spanjoli, il-"Manouche" Franċiżi u s- "Cinti" Ġermaniżi.

Matul l-istorja Ewropea, ir-Roma ġarrbu emarġinazzjoni u persekuzzjoni persistenti. L-aktar perjodu notorju huwa t-terrur tan-Nażi tat-Tieni Ġwerra Dinjija, li wasslet għall-mewt ta' madwar 1.5 miljun Roma. B'riżultat ta' sekli ta' esklużjoni, ħafna Roma llum għadhom jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna fix-xifer tas-soċjetà. Huma spiss miċħuda mill-aċċess għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem bħad-dritt għal dar, edukazzjoni, servizzi soċjali, u kura tas-saħħa. M'huwiex rari li wieħed jiltaqa' ma' rapporti ta' 100% qgħad f'ċerti komuntajiet Roma, u t-tagħlim segregat għadu xi ħaġa komuni għall-maġġoranza tat-tfal Roma.

Għal aktar tagħrif, żur:

European Roma Rights Centre:
*www.errc.org*

European Roma Information Office:
*www.erionet.org*

Roma News:
*www.romnews.com*

The Patrin Web Journal - Romani Culture and History:
*www.geocities.com/Paris/5121*

Roma Education Initiative:
*www.osi.hu/esp/rei/*

# 2.2. L-Involviment ta' l-Imsieħba Soċjali

## Dawk li jħaddmu: sħab ewlenin sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol



*Susan Scott-Parker – CEO ta' l-Employers Disability Forum fir-Renju Unit*

**Xogħolna hu li nagħmluha eħfef għal-dawk li jħaddmu sabiex jimpjegaw lil persuni bi bżonnijiet speċjali u li jilqgħu lil klijenti bi bżonnijiet speċjali.**

Il-Forum ta' Dawk li Jħaddmu dwar il-Bżonnijiet Speċjali huwa organizzazzjoni bbażata fir-Renju Unit li tiffoka fuq il-kwistjoni tal-bżonnijiet speċjali fuq il-post tax-xogħol. Huwa ffinanzjat u mmexxi minn dawk li jħaddmu. B'aktar minn 375 membru, il-Forum jirrappreżenta organizzazzjonijiet li jimpjegaw 'il fuq minn 20% tal-ħaddiema tar-RU. Minn meta ġie mwaqqaf fl-1986, il-Forum ħadem mill-qrib mal-gvern u ma' partijiet konċernati oħrajn, permezz ta' qsim ta' l-aħjar prattika sabiex isir eħfef li jiġu impjegati persuni bi bżonnijiet speċjali u sabiex jaqdu lill-klijenti bi bżonnijiet speċjali kemm mentali kif ukoll fiżiċi.

Madanakollu, Susan Scott-Parker, CEO u fundatriċi ta' l-Employers Disability Forum issostni li l-organizzazzjoni m'hijiex mudell tradizzjonali ta' assoċjazzjoni ta' dawk li jħaddmu.

"Aħna naħdmu fuq mudell li jiffoka kemm fuq dawk li jħaddmu kif ukoll fuq l-individwi bi bżonnijiet speċjali. Naħsbu li huwa sehemna li ngħaqqdu lil dan iż-żewġ gruppi flimkien sabiex igawdu t-tnejn. B'mod partikolari, aħna nħeġġu liż-żewġ gruppi sabiex iħarsu mill-ġdid lejn kif jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet komuni dwar il-promozzjoni ta' l-inklużjoni ekonomika kif ukoll soċjali tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fuq il-post tax-xogħol, kemm bħala impjegati kif ukoll bħala konsumaturi."

Hija tkompli ssostni: "Aħna nippruvaw nevitaw t-terminu tradizzjonali u x'aktarx restrittiv 'imsieħba soċjali' per se. Anzi, naraw sehemna bħala wieħed ta' faċilitatur li jipprovdi lil dawk li jħaddmu b'forum sigur u miftuħ sabiex jinġabru flimkien u jiddiskutu liberament il-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom. Huwa ferm importanti li nipprovdu lil dawk li jħaddmu b'ambjent sigur fejn jista' jkollhom dawn id-diskussjonijiet. Jekk ma jħossuhomx kunfidenti li jifhmu sew il-kwistjonijiet dwar il-bżonnijiet speċjali, ma jistax ikollhom diskussjonijiet siewja mal-komunità bi bżonnijiet speċjali dwar kif jistgħu jagħmlu n-negozji tagħhom aktar 'aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali'".

Waqt li l-forum ġie mwaqqaf ħafna qabel il-leġislazzjoni, kien strumentali fl-adozzjoni ta' l-Att Dwar id-Diskriminazzjoni minħabba l-Bżonnijiet Speċjali tar-RU (DDA) ta' l-1995 u l-emendi sussegwenti tiegħu. Meta ġew mistoq-

sija kif jirnexxilhom iżommu lill-membri tagħhom aġġornati dwar l-implimentazzjoni tal-liġi tar-RU u b'mod partikolari r-regoli Ewropej ġodda li jittrattaw speċifikament dwar il-bżonnijiet speċjali li għandhom jiġu implimentati f'Ottubru ta' l-2004, it-tweġiba hija sempliċi għalkemm effettiva.

"Aħna qed inżommu lill-membri tagħna aġġornati mhux biss dwar il-kwistjonijiet legali kollha, iżda b'mod aktar sinifikanti dwar x'ser isarraf dan b'mod konkret għall-organizzazzjonijiet tagħhom. B'hekk il-messaġġ tagħna huwa li l-aħjar mod kif l-obbligu legali jista' jiġi trasformat f'benefiċċju reċiproku ġenwin huwa li tiġi applikata l-aħjar prattika l-ħin kollu. Per eżempju, aħna nirrakomandaw li min iħaddem jittratta lil kull impjegat daqs li kieku huma protetti taħt il-leġislazzjoni dwar id-diskriminazzjoni minħabba bżonnijiet speċjali. Il-kumpanniji jridu jindirizzaw l-bżonnijiet speċjali flimkien mar-razza u s-sess, per eżempju.

"Aħna ffurmajna grupp legali li jipprovdi pariri lill-membri tagħna u li jikkonsisti minn avukati speċjalizzati fil-liġi dwar l-impjieg minn ditti ewlenin tal-Belt fir-Renju Unit. Aħna nużaw il-liġi sabiex niġbdu l-attenzjoni ta' kumpanniji li jidhrilhom li m'hemmx għalfejn jużaw l-aħjar prattiċi bħala proċedura normali. Kif turi l-publikazzjoni riċenti tagħna 'Nippromwovu l-Bidla', aħna nużaw il-liġi sabiex inġiegħlu lil dawk li jħaddmu jgħarfu li huwa meħtieġ li huma u l-protagonisti fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom jitgħallmu. Dan huwa l-uniku dokument ta' din ix-xorta fl-UE-25.

Aktar importanti, aħna nużaw il-liġi sabiex insostnu l-messaġġ li huwa fl-interess tan-negozju li kull ħadd jingħata trattament ġust kif ukoll li jsir investiment fil-potenzjal ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Eżempju tajjeb ta' dan huwa is-sit tagħna ta' reklutaġġ elettroniku.

Permezz ta' l- e-learning package tagħna, li huwa ffinanzjat minn sitt organizzazzjonijiet ewlenin li jħaddmu bi spiża ta' Ħ180 000 (madwar 270 000 ewro), il-165 000 impjegat tagħhom għandhom aċċess għal informazzjoni dwar il-liġi. B'mod partikolari, joħloq kuxjenza dwar l-etikett relatat mal-bżonnijiet speċjali fuq il-post tax-xogħol u dwar kif wieħed għandu jaħdem ma' persuni bi bżonnijiet speċjali u kif wieħed għandu jilqa' lil klijenti bi bżonnijiet speċjali. B'dan il-mod, dawn mhux biss jużaw l-aħjar prattiċi, iżda jgħin ukoll sabiex l-impjegati mingħajr bżonnijiet speċjali jifhmu l-prinċipji tal-miżuri ta' 'aċċessibbiltà għall-persuni bi bżonnijiet speċjali'. Barraminnhekk, jgħin sabiex jiġu stabbiliti miżuri preventivi b'mod faċli – b'hekk illi jiġu ffrankati l-flus u jkun hemm għadd ta' ħaddiema li jaħdmu sew (u li għaldaqstant iħallu l-qliegħ)."

Matul l-aħħar 12-il xahar, ix-xogħol tal-Forum ikkonċentra wkoll fuq il-promozzjoni tal-Global Inclusion Benchmark, li nbeda fl-2002. L-ewwel rapport sħiħ ġie ppubblikat f'Ottubru ta' l-2003 u dan jeżamina s-sejbiet ewlenin fost l-aqwa rapporteurs soċjali tad-dinja dwar l-10 oqsma ewlenin fejn il-kumpaniji għandhom jirrapportaw dwar il-bżonnijiet speċjali. L-10 organizzazzjonijiet li ġabu l-ogħla marki fl-istħarriġ ta' 94 mistoqsija jissemmew fir-rapport. L-għan kien li l-bżonnijiet speċjali jitpoġġew bħala prijorità komuni għan-negozji.

"Aħna nżommu lill-membri tagħna infurmati permezz ta' aktar minn 2.5 miljun pubblikazzjoni li diġà qegħdin f'ċirkolazzjoni dwar kif tinbena u tissaħħaħ kultura pożittiva sabiex min iħaddem jagħti 'aċċess lill-persuni bi bżonnijiet speċjali'. Norganizzaw ukoll serje ta' avvenimenti matul is-sena u għandna linja telefonika ta' għajnuna għall-membri tagħna."

Is-Sin.Scott-Parker tammetti li minkejja l-isforzi, għad fadal xi jsir. Il-Forum jemmen li huwa l-obbligu tal-gvern li jtejjeb il-kapaċità tiegħu stess li jindirizza l-bżonnijiet tan-negozju u li jimpjega persuni bi bżonnijiet speċjali. Barraminnhekk, il-Forum jemmen li huwa meħtieġ li l- NGOs jagħtu setgħa lill–persuni bi bżonnijiet speċjali bħala mexxejja, kelliema u imprendituri. Huwa meħtieġ li ż-żewġ partijiet iqisu lil min iħaddem bħala l-parti konċernata u l-klijent ewlieni sabiex isir progress reali għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Fil-fatt, il-Forum diġà ħa passi pożittivi

sabiex jinkludi lill-partijiet konċernati kollha li jistgħu jagħtu kontribut siewi sabiex jiżguraw li dawk li jħaddmu joħolqu postijiet tax-xogħol aċċessibbli għal dawk bi bżonnijiet speċjali. Susan Scott-Parker tispjega:“Din is-sena, bdejna proġett ta’ konsulenza msejjaħ ‘Tripod’ li jikkonsisti f’rappreżentanti mill-ministeri Governattivi tar-Renju Unit (Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija), l-NGOs ewlenin li jindirizzaw il-bżonnijiet speċjali u m’għandniex xi ngħidu l-membri tagħna. L-għan tagħna huwa li ngħinu lil kullħadd jifhem kif dawk li jħaddmu jistgħu jiġu involuti u attrezzati aħjar dwar din il-kwistjoni. Dak li niddiskutu fi ħdan il-grupp Tripod jista’ mbagħad jiġi applikat f’firxa wiesgħa ta’ netwerks u nisperaw li l-livell minimu stabbilit jiġi żviluppat fuq bażi transnazzjonali.

Fl-analiżi finali, il-ġejjieni tal-Forum ser ikun li tittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-partijiet konċernati, skond l-għanijiet tal-leġislazzjoni dwar il-bżonnijiet speċjali. Il-Forum diġà jopera servizz imsejjaħ ‘Connect’. Bħala parti mil-linja telefonika ta’ għajnuna, l-impjegati u l-klijenti bi bżonnijiet speċjali li jkollhom problema jistgħu jagħmlu kuntatt mal-persuna ta’ grad għoli kompetenti fi ħdan il-kumpannija/organizzazzjoni partikolari. Il-Forum bħalissa qed jikkontempla l-istabbiliment ta’ servizz li jiffaċilita l-medjazzjoni skond l-istess prinċipji ta’ l-ACAS (is-servizz ta’ l-iffaċilitar tal-medjazzjoni tar-RU).

employers' forum on disability

# Il-moviment tat-Trade Unions jidħol fl-istampa

## Il-proġett ETUC

Il-ħaddiema fl-Ewropa ta' llum jikkonsistu f’diversi nazzjonalitajiet, għeruq etniċi u twemmin reliġjuż. Sabiex jiġi żgurat li din it-taħlita taħdem sew u li l-persuni kollha jiġu trattati ndaqs, it-trade unions iridu jindirizzaw id-diskriminazzjoni permezz ta’ l-azzjonijiet tagħhom, inklużi l-ftehim u t-trattattivi kollettivi. Barra minn hekk, sabiex il-ħaddiema tal-minoritajiet etniċi u ta’ nazzjonalitajiet differenti jkunu involuti u jingħataw trattament ugwali kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fi ħdan it-trade unions, huwa essenzjali li dawn ikunu rappreżentati b’mod adegwat fi ħdan l-organizzazzjonijiet tat-trade unions.

Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) ingħatat finanzjament taħt il-Programm ta’ Azzjoni Komunitarja sabiex twettaq analiżi dettaljata fl-Ewropa kollha dwar kemm il-kwistjonijiet ta’ diskriminazzjoni razzjali jew reliġjuża qed jiġu indirizzati permezz tat-trattattivi kollettivi u l-ftehim kollettivi.

Il-proġett kien jikkonsisti f’żewġ fażijiet ewlenin ta’ dimensjoni transnazzjonali u nazzjonali. L-ewwel waħda kienet tinvolvi evalwazzjoni dettaljata tal-qagħda s’issa fl-Istati Membri ta’ l-UE-15, permezz tat-13-il organizzazzjoni msieħba – waħda għal kull Stat Membru ta’ l-UE-15 minbarra l-Greċja u d-Danimarka - bl-għajnuna tad-Dipartiment ta’ Riċerka dwar ix-Xogħol (LRD) – organizzazzjoni ta’ riċerka indipendenti bbażata fir-Renju Unit. Is-sejbiet tar-riċerka ġew miġbura f’rapport li jismu “Migrant and Ethnic Minority Workers: Challenging Trade Unions”.

Wara ġie abbozzat Pjan ta’ Azzjoni li sussegwentement ġie adottat mill-Kumitat Eżekuttiv ta’ l-ETUC f’Ottubru ta’ l-2003. L-għan ewlieni tiegħu kien li juri kif il-membri ta’ l-ETUC jindirizzaw id-diskriminazzjoni b’mod sistematiku u permezz ta’ ftehim kollettiv kif ukoll billi jżidu r-rappreżentanza ta’ persuni minn minoritajiet

etniċi fl-istrutturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tat-trade unions.

Għall-2004, l-ETUC issa għaddiet għat-tieni fażi tal-proġett. Wara li lestiet l-istudju u l-Pjan ta' Azzjoni fuq il-livell Ewropew, l-għan issa huwa li dawn jissarfu f'azzjonijiet fuq il-livell nazzjonali.

"Sabiex isir progress, hemm bżonn li dan iseħħ fuq il-livell nazzjonali u b'mod partikolari fuq il-livell tal-post tax-xogħol. Huwa hawnhekk li l-ftehim kollettiv ser ikollhom impatt u ser jinħass l-effett reali tax-xogħol – billi jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reali tal-ħaddiema kollha fi ħdan il-kumpanniji kif ukoll it-trade unions."

Huwa ċar li l-parteċipazzjoni attiva ta' l-imsieħba kollha f'dan l-istadju hija vitali. Fil-fatt, kien hemm serje ta' 13-il seminar nazzjonali li wasslu għal seminar Ewropew finali li sar fi Brussell f'Mejju ta' l-2004 li ġabar flimkien lill-imsieħba kollha. Id-diskussjoni ffukat fuq l-impatt li aktarx ser ikollu l-Pjan ta' Azzjoni u s-sejbiet tar-riċerka fuq livell nazzjonali u fuq il-post tax-xogħol kif ukoll attivitajiet possibbli ta' insegwiment.

# "Favur id-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni": Kampannja pan-Ewropea b'identità nazzjonali

**L-imsieħba soċjali fuq livelli nazzjonali taw sehem ċentrali fit-tfassil ta' messaġġi importanti adattati apposta għall-kostitwenzi lokali u fl-ippjanar ta' inizzjattivi nazzjonali effettivi ddisinnjati sabiex jinfurmaw lil kemm jista' jkun gruppi dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom taħt ir-regoli l-ġodda.**

Bħala parti mill-Programm ta' Azzjoni tagħha sabiex tiġġieled kontra d–Diskriminazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed tmexxi kampannja ta' informazzjoni pan-Ewropea għal perjodu ta' ħames snin dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, età, bżonnijiet speċjali u orjentazzjoni sesswali, bl-




*Il-ħolqien ta' kuxjenza tista' twassal idejat ġodda lill-prattiċi stabbiliti*

islogan "Favur id-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni". L-ewwel sentejn tal-kampanja, li bdiet f'Ġunju ta' l-2003, iffukaw primarjament fuq attivitajiet ta' ħolqien ta' kuxjenza li għandhom x'jaqsmu mad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Sabiex din tirnexxi, kien ferm importanti li jiġu meqjusa s-sitwazzjonijiet, il-kwistjonijiet u l-udjenzi nazzjonali. Il-partijiet konċernati nazzjonali – rappreżentati permezz ta' Gruppi ta' Xogħol Nazzjonali (GXN) stabbiliti għal dan l-iskop – kienu involuti b'mod integrali fl-ippjanar strateġiku tal-kampannji nazzjonali sa mill-bidu nett. Dawn il-GXN jikkonsistu fi:

- Rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali; jiġifieri assoċjazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu u ta' l-impjegati;
- Rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirrappreżentaw gruppi milquta mid-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE; u
- Rappreżentanti tal-ministeri nazzjonali responsabbli għl-implimentazzjoni tad-Direttivi fil-liġi nazzjonali.

Il-GXN, li jiltaqgħu ta' mill-inqas darbtejn fis-sena, għandhom il-funzjoni li jiddiskutu l-objettivi li jridu jintlaħqu fuq livell nazzjonali kif ukoll kif dawn jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod permezz ta' inizzjattivi mmirati u ppjanati b'koordinazzjoni mal-korrispondenti nazzjonali tal-MEDIA CONSULTA.

Matul l-ewwel sena tal-Kampannja, id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-elementi essenzjali ta' l-inizzjativi nazzjonali kif ukoll sabiex jiġu identifikati sinerġiji ma' attivitajiet oħrajn li jinsabu għaddejjin fir-rigward tal-ħames raġunijiet għad-diskriminazzjoni koperti taħt id-Direttivi.

Fl-2004, id-diskussjonijiet daħlu aktar fil-fond kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontenut kif ukoll mal-firxa ġeografika tagħhom. Id-diskussjonijiet ikkonċentraw dejjem aktar fuq il-kisbiet, il-gruppi mmirati u l-punt fokali tal-miżuri implimentati. Għal dan il-għan, saru serje ta' Gruppi Fokali fil-Latvja, f'Malta, fil-Polonja u fir-Repubbika Ċeka, li jinvolvu l-istess tlett gruppi ta' partijiet konċernati, sabiex jiddiskutu mezzi effiċjenti dwar kif għandha tiġi evalwata l-qagħda f'kull pajjiż.

Madanakollu, huwa importanti li wieħed josserva li l-involviment sħiħ tal-partijiet konċernati nazzjonali huwa proċess li jieħu l-ħin tiegħu. Iridu jiġu identifikati, diskussi, aġġustati u riveduti l-miżuri, u xi kultant ikun hemm proċess twil bejn l-ewwel idea sal-miżura finali implimentata.

Min-naħa l-oħra, l-involviment tal-partijiet konċernati nazzjonali diġà beda jagħti frott sinifikanti. Il-partijiet konċernati nazzjonali jistgħu jidentifikaw ruħhom mal-miżuri żviluppati b'dan il-mod u jħossu li għandhom sehem fihom.

Il-kampannji nazzjonali li jirriżultaw minn dan huma diversi daqs il-pajjiżi fejn iseħħu fl-Ewropa, u jikkonċentraw fuq tipi differenti ta' miżuri u punti fokali f'kull Stat Membru. Xi wħud jistgħu jiffokaw fuq attivitajiet li joħolqu kuxjenza indirizzati lil-pubbliku ġenerali, waqt li oħrajn jistgħu jużaw seminars ta' informazzjoni b'mira aktar speċifika. Waqt li xi pajjiżi ma aċċettawx li ssir kampannja ta' informazzjoni li tiffavorixxi t-tixrid ta' informazzjoni aktar konkreta, oħrajn qegħdin jikkonċentraw r-riżorsi kollha disponibbli tagħhom f'dan il-qasam. Dawn id-deċiżjonijiet kollha huma bbażati fuq il-punt fokali strateġiku definit fil-laqgħa tal-GNX.

# 2.3. Għaqda bejn il-partijiet konċernati – Is-sehem ta' l-awtoritajiet pubbliċi

**L-ippjanar "konġunt" ser ikun iċ-ċavetta sabiex il-partijiet konċernati kollha jinġiebu flimkien għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi fl-Istati Membri.**

Il-leġislazzjoni qatt ma tista' tkun effettiva bħala miżura iżolata. Hija meħtieġa kollaborazzjoni orkestrata bejn il-partijiet konċernati kollha li jistgħu jikkontribwixxu sabiex jinftehmu aħjar il-bżonnijiet tal-popolazzjoni nazzjonali b'mod li jkun hemm implimentazzjoni aktar effettiva. L-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez (Tixrid ta' informazzjoni) tistipula li "L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Diretiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet relevanti diġà fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni tal-persuni konċernati b'kull mezz xieraq fit-territorju tagħhom kollu."

L-awtoritajiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea mkabbra jinsabu f'pożizzjoni unika li jikkoordinaw b'suċċess l-involviment effettiv tal-partijiet konċernati f'din l-implimentazzjoni.

F'idejhom tinsab iċ-ċavetta sabiex jiżviluppaw linji politiċi li jistgħu jippromwovu u jxerrdu l-valuri u l-prassi tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u sabiex jemfasizzaw d-dimensjoni Ewropea ta' din il-ġlieda. Fl-istess ħin, kollha kemm huma jinsabu fiċ-ċentru ta' xibka kumplessa ta' relazzjonijiet, li tinkludi diversi korpi u aġenziji governattivi, is-soċjetà ċivili u l-industrija.

Il-Programm ta' Azzjoni diġà wera l-impenn tiegħu sabiex joħloq kuxjenza dwar l-eżistenza tar-regoli l-ġodda u d-drittijiet u l-obbligi ta' l-individwi li joħorġu minnhom permezz tal-kampannja ta' informazzjoni ta' ħames snin "Favur id-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni".

Madanakollu, sabiex tiġi implimentata bidla fl-attitudni, huma meħtieġa kemm ir-riżorsi umani u finanzjarji kif ukoll il-ħin. Il-Komunità Ewropea adottat dan il-kunċett u għamlet disponibbli ¤2 300 000 f'forma ta' finanzjament lill-awtoritajiet nazzjonali għall-organizzazzjoni ta' seminars u attivitajiet oħrajn għall-ħolqien ta' kuxjenza immirati lejn dawk li jfasslu l-politika, il-professjonisti legali u l-popolazzjoni ġenerali.

B'mod konkret, b'allokazzjoni massima ta' ¤100 000 għall-2004 għal kull Stat Membru, il-Komunità tittama li tkun tista' tħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva u l-iskambju ta' fehmiet bejn setturi differenti. L-organizzazzjoni ta' "ġranet nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' diversità" u konferenzi u seminars għandha tgħin sabiex tnaqqas il-qabża bejn politika fuq il-karta u azzjonijiet konkreti.

Madanakollu, huwa ċar li l-ħolqien ta' kuxjenza taħdem fuq għadd ta' livelli u teħtieġ għadd ta' strateġiji differenti sabiex tkun adattata għal udjenza partikolari.

Huwa magħruf universalment li l-prinċipji li fuqhom huma msejsa d-Direttivi tal-KE huma primarjament sett komuni ta' linji ta' gwida li għandhom jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tagħhom. Li hu ta' importanza assoluta hu li jinbiddlu l-attitudnijiet b'għeruq fondi. Dan neċessarjament iwassalna għall-ħtieġa li nkunu preventivi minnflok reattivi fid-djalogu bejn il-partijiet konċernati ewlenin.

Wieħed irid jammetti li l-korpi pubbliċi fl-UE-25 kellhom stejjer differenti man-netwerks "trijumvirati" tagħhom. Huma indirizzaw ukoll il-kwistjoni tal-promozzjoni tal-valuri kristalizzati fid-Direttivi b'livelli diversi ta' intensità. Xi Stati Membri għażlu li jimplimentaw r-rekwiżiti minimi stabbiliti fiż-żewġ Direttivi. Ir-RU li diġà kellu rikkezza ta' ħila esperta dwar il-kunċett ta' l-

"inugwaljanza", mhux talli implimenta l-leġislazzjoni Ewropea fil-liġi domestika, iżda reġa' għamel evalwazzjoni għall-istrateġija ġenerali tiegħu dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza. Ir-riżultat prattiku kien li avvanza ferm iżjed billi poġġa d-dover li tiġi promossa l-ugwaljanza fiċ-ċentru ta' l-istruttura ta' l-iżvilupp tal-politika għal-korpi governattivi kollha kif ukoll fir-relazzjonijiet tagħhom mas-Soċjetà Ċivili.

L-għerq tad-deċiżjoni tar-RU li jimponi dan id-dmir pożittiv fuq il-korpi publiċi kollha tiegħu huwa l-għarfien li d-diskriminazjoni soċjali tmur ferm lil hinn minn atti individwali ta' preġudizzju razzjali. Minħabba f'hekk, id-dmir isir mhux biss li jingħata kumpens lil xi vittma partikolari, iżda li jiġu ristrutturati l-istituzzjonijiet sabiex jiġi evitat il-bżonn li jkun hemm ilmenti fl-ewwel lok. Għalkemm id-Direttiva dwar ir-Razez ma teħtieġx b'mod speċifiku l-impożizzjoni ta' dmirijiet pożittivi, il-leġiżlazzjoni tar-RU tagħmilha illegali li l-korpi pubbliċi jagħmlu diskriminazzjoni fil-funzjonijiet tagħhom. Fil-prattika, dan ifisser li m'huwiex biżżejjed għall-awtoritajiet pubbliċi fir-RU li joqogħdu lura milli jagħmlu diskriminazzjoni. Iridu jippromwovu b'mod attiv l-ugwaljanza bejn ir-razez.

Mhux biss bl-ippjanar konġunt, iżda wkoll permezz tat-tixrid ta' informazzjoni fost is-setturi kollha jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv id-Direttivi. Iċ-ċavetta tinsab f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi. Hija r-responsabbiltà tagħhom li jużaw l-esperjenzi ta' xulxin bl-aħjar mod u li fl-aħħar mill-aħħar jiftħu l-bieb għall-partijiet konċernati kollha.

# L-awtoritajiet pubbliċi jmexxu l-progress lejn l-ugwaljanza: Id-Dmir tar-RU li tiġi promossa l-ugwaljanza u l-Att dwar ir-Relazzjonijiet bejn ir-Razez

L-Att dwar ir-Relazzjonijiet bejn ir-Razez ta' l-1976 tar-RU, waqt li hija leġiżlazzjoni ta' importanza kbira, ma tkoprix il-funzjonijiet pubbliċi kollha. F'Ottubru ta' l-1999 il-Gvern ippubblika Stqarrija dwar l-Ugwaljanza, fejn jagħti l-impenn tiegħu li jeqred id-diskriminazzjoni, ineħħi l-fruntjieri u jtejjeb il-pożizzjonijiet ta' gruppi li jħabbtu wiċċhom ma' żvantaġġi u diskriminazzjoni fix-xogħol, fil-ħajja pubblika u fl-għoti ta' servizzi pubbliċi fil-Gran Brettanja.

Skond l-Istqarrija, "Il-korpi pubbliċi iridu jieħdu l-inizzjattiva sabiex jippromwovu l-opportunitajiet ugwali ħalli jiżguraw li l-istituzzjonijiet u s-servizzi pubbliċi jkunu ħielsa minn proċeduri u prattiċi diskriminatorji u għandhom itejbu l-pożizzjoni ta' gruppi żvantaġġati, kemm bħala impjegati kif ukoll bħala utenti ta' servizzi pubbliċi ".

Il-Gvern wettaq dan l-impenn billi estenda l-Att dwar ir-Relazzjonijiet bejn ir-Razez ta' l-1976 għal funzjonijiet pubbliċi li qabel ma kienux jaqgħu taħtu, bħall-pulizija, permezz ta' l-Att (ta' Emenda) dwar ir-Relazzjonijiet bejn ir-Razez tas-sena 2000. Dan kien pass importanti fl-isforz tal-Gvern sabiex jiżgura li s-settur pubbliku jistabbilixxi r-ritmu tal-progress lejn l-ugwaljanza.

L-Emenda ħadet ukoll il-liġi f'direzzjoni ġdida billi ħolqot dmir statutorju pożittiv fuq l-awtoritajiet pubbliċi sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn ir-razez. Dan id-dmir pożittiv huwa differenti mil-liġijiet tradizzjonali ta' kontra d-diskriminazzjoni minħabba li għandu l-għan li jintroduċi miżuri ta' ugwaljanza u mhux biss li jirrispondi għall-ilmenti minn vittmi individwali.

Għandu wkoll l-għan li jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu servizzi ġusti u aċċessibli, u li jtejjeb l-opportunitajiet ugwali fl-impjieg. Ipoġġi dmir ġenerali fuq l-awtoritajiet pubbliċi sabiex:

- Jaħdmu lejn l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni illeċita;
- Jippromwovu l-ugwaljanza fl-opportunitajiet; u
- Jippromwovu r-relazzjonijiet tajbin bejn persuni ta' gruppi razzjali differenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

L-awtoritajiet pubbliċi huma marbuta wkoll bl-hekk imsejjħa dmirijiet speċifiċi u ta' l-impjieg, li jappoġġjaw id-dmir ġenerali. Id-dmirijiet speċifiċi jirreferu għall-obbligi li jridu jiġu sodisfatti mill-awtoritajiet responsabbli għall-għoti ta' servizzi pubbliċi importanti. Dawn huma meħtieġa li:

- Jħejju u jippubblikaw Skema ta' Ugwaljanza bejn ir-Razez;
- Jistabbilixxu l-funzjonijiet u l-linji politiċi li huma relevanti sabiex jissodisfaw id-dmir ġenerali; u
- Jistabbilixxu arranġamenti li jgħinu sabiex jiġi sodisfatt id-dmir fil-politika u fl-għoti ta' servizzi.

Malli xi awtorità issir suġġetta għal dawn id-dmirijiet speċifiċi, hija tingħata sat-tmiem ta' Mejju tas-sena ta' wara sabiex timplimenta l-pjanijiet neċessarji.

Dawk l-awtoritajiet pubbliċi li jkunu marbuta bid-dmir ta' l-impjieg iridu jissorveljaw, għal kull grupp etniku, lill-personal eżistenti tagħhom, l-applikanti għax-xogħolijiet, il-promozzjonijiet u t-taħriġ u jridu jippubblikaw ir-riżultati kull sena. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi li jkollhom personal ta' mill-inqas 150 fuq bażi full time, huma meħtieġa li jissorveljaw il-preġudizzji sofferti, l-azzjoni dixxiplinarja, l-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni, it-taħriġ u t-tkeċċijiet.

Il-lista ta' korpi soġġetti għal dan id-dmir li jippromwovu l-ugwaljanza bejn ir-razez tiġi riveduta u aġġornata kull sena.



*Id-dmir tar-Renju Unit li tiġi promossa l-ugwaljanza jitfi n-nirien qabel ma jaqbdu.*

Kummissjoni Ewropea

**Id-Drittijiet Ugwali fil-Prattika L-Ilhna Ewlenin ta’ l-2004**

Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2004 — 24 pp. — 21 x 29,7 ċm

Ngħożżu d-diversità

Diskriminazzjoni qatt

Dan il-fuljett tematiku sar taħt il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ewropea kontra d-diskriminazzjoni (2001-2006). Dan il-programm ġie stabbilit mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għal-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali bħala appoġġ pragmatiku sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva taż-żewġ Direttivi dwar ir-"Razza" u t-"Trattament Ugwali fuq il-post tax-xogħol" (2000) li joħorġu mill-Artikolu 13 tat-Trattat ta' Amsterdam. Il-Programm ta' sitt snin huma mmirat primarjament lejn il-partijiet konċernati kollha li jistgħu jkunu influwenti fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politika approprjati u effettivi kontra d-diskriminazzjoni, fl-UE-25, l-EFTA u l-pajjiżi kandidati ta' l-UE.

Il-Programm ta' Azzjoni għandu tlett objettivi ewlenin. Dawn huma:

1. Li jtejjeb il-mod kif nifhmu l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-diskriminazzjoni
2. Li jiżviluppa l-kapaċità sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni b'mod effettiv
3. Li jippromwovi l-valuri li jsejsu l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

Billi dawn l-attivitajiet li huma ffinanzjati taħt il-Programm janalizzaw u jevalwaw, jiżviluppaw u joħolqu kuxjenza dwar il-miżuri li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, età u orjentazzjoni sesswali. Id-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' sess hija indirizzata taħt strumenti leġislattivi separati. Għal aktar tagħrif dwar il-politika, il-leġislazzjoni u l-attivitajiet tal-Komunità dwar id-diskriminazzjoni bejn is-sessi, jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Direttorat għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fi ħdan id-DĠ għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali.

*http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/equ_opp/index_en.htm*

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.eu.int*